MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1551/2001/1

**Law Quintano & Co Ltd.**
**Vs**
**N Ciantar & Sons Limited**

**Il-Qorti;**
**Rat ic-citazzjoni li biha wara li is-socjeta attrici ippremettiet:-**
**Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' ghaxart elef erba'mija u erbgha u tmenin Lira Maltin u sbatax-il-centezmu (Lm10,484.17), ammont rapprezentanti bilanc fuq hlas ghal prodotti ta' ikel u xorb lilha mibjugha u debitament ikkonsejati, u dan skond ma jidher mill-istatement hawn anness u esebit u mmarkat bhal Dok. A:**

**Illi s-socjeta konvenuta baqghet ma hallsitx dan l-ammont minkejja li giet diversi drabi interpellata sabiex taghmel dan;**

**Illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagamnet ta' l-istess;**

**Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

**Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-**

**1 Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' ghaxart elef erba' mija u erbgha u tmenin Lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm10,484.17), lilha dovuta kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru 2001 u tal-Mandati Kawtellatorji li qeghedin jigu ppresentati kontestwalment ma' dina c-Citazzjoni u interessi legali mid-data tal-konsenja relattiva sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**
**Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz id-dokumenti esebiti.**
**Rat in-nota tas-socjeta attrici tat-13 ta' Jannar, 2003, li biha irriduciet is-sorte mitlub fic-citazzjoni ghas-somma ta' sitt elef tlett mija u erbgha u erbghinn lira maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm6,344.28);**
**Rat in-nota tas-socjeta konvenuta tat-13 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici kif ridotta.**
**Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta it-talba attrici fic-citazzjoni kif ridotta tirrizulta pruvata.**

**Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' sitt elef tlett mija u erbgha u erbghinn lira maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm6,344.28), bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.**